MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Rikors Kongunt Numru. 221/2012

**AB**
**U**
**CB**

Il-Qorti:

Il-Qorti rat ir-rikors kongunt;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ April, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fil-5 ta’ Jannar, 2000;

Rat in-nota guramentata tar-rikorrenti li permezz taghha esebew l-affidavits taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-18 ta’ Lulju 2006;

Illi illi huma ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi il-partijiet kienu iddekadew mill-obbligu ta’ manteniment reciproku fil-kuntratt ta’ separazzjoni taghhom u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut fil-konfront tal-minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------